# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2022**

**Talba numru 286/2021SFJ**

**ASV SERVICES LIMITED (C43725)**
**VS.**
**THREE EIGHT NINE COMPANY LIMITED (C13250)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-14 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' disa' mija u tlieta u sebgħin Ewro (€973) għar-raġunijiet hemm imfissra;

Ra li l-kawża ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif ippresedut;

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata fit-23 ta' Ottubru 2021;

Ra r-Risposta ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew opposti;

Ra l-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Frar 2022;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għad-19 ta' Settembru 2022.

**<u>Provi ppreżentati</u>**

Alan Vella, sid is-soċjetà attriċi, qal li permezz tal-kumpanija tiegħu kien joffri servizzi ta' kiri ta' makkinarju ta' tindif u anki l-bejgħ ta' makkinarju ta' dik ix-xorta. F'April 2021 huwa ġie kkuntattjat minn Etienne Borg u ntalab stima għal servizzi ta' tindif tat-trakka tal-ġiri tal-*Amateur Athletics Association* fil-Marsa. Billi l-art tat-trakka kienet tal-gomma, Vella kiteb *e-mail* lil Etienne Borg fejn spjegalu li setgħu biss jikinsu t-trakka għax il-makkinarju tas-soċjetà attriċi ma kienx addattat sabiex jogħrok art bħal dik. L-istima kienet datata 6 ta' April 2021.

Wara li ntbagħtet l-istima, Vella offra s-servizzi ta' magna akbar, iżda ġie nfurmat mill-president tal-assoċjazzjoni li ma kellha ssir ebda ħsara lit-trakka, ċioè lill-gomma. Vella qal li għall-prezz addizzjonali ta' mija u ħamsin Ewro (€150.00) seta' jibgħat persuna biex tnaddaf it-trakka, u b'hekk ebda magna ma tagħmel ħsara lit-trakka.

Vella qal li eventwalment, Etienne Borg talab is-servizzi tal-magna *Hako Sweep Master*, magna tal-knis. Madankollu, is-soċjetà attriċi eventwalment marret fuq il-post b'erba' magni u tlett impjegati. Il-korsa tal-ġiri ġiet miknusa wara madwar sagħtejn xogħol u saħansitra nkinset parti li oriġinarjament ma kienx mitlub li tkun miknusa, iżda l-prezz baqa' l-istess. Vella qal li Etienne Borg tah ċekk iżda mbagħad, meta ċ-ċekk ġie ddepożitat, ġie rritornat bħala "*refer to drawer*", jiġifieri ġie kkanċellat minn min kien kitbu. Vella kompla jgħid li ma kienx hemm ilmenti da parti ta' min inkarigah.

Irriżulta li wara li tlesta x-xogħol, Etienne Borg kiteb lill-kumpanija Ġermaniża Hako (li l-magni tat-tindif tagħha kienu jintużaw mis-soċjetà attriċi) u lmenta li kien sar xogħol ħażin. Il-kumpanija Hako kellmet kemm lil Borg kif ukoll lil Vella u qalet li essenzjalment, Etienne Borg kien f'sitwazzjoni fejn sab ruħu rinfaċċjat b'aktar spejjeż milli kien ippjanat.

Wara li s-soċjetà attriċi lestiet ix-xogħol, Borg, mid-dehra, ġab magna pprovduta mill-Gvern bi xkupi li jogħrku, iżda dan kien kontra l-istruzzjonijiet tal-president tal-*Amateur Athletics Association* li ried li ma ssir ebda ħsara lit-trakka tal-ġiri. Dik il-magna kienet tneħħi ħafna mir-ramel eżistenti, u fil-fatt, Vella ma setax juża magna li togħrok, għaliex fit-talba għal stima (fil-bidu) kien speċifikament intalab biex ma jużax magna bħal dik.

Alan Vella ppreżenta d-dokumenti AV1, AV2, u AV3 in sostenn tax-xhieda tiegħu.

Etienne Borg, prodott mis-soċjetà konvenuta, xehed, *inter alia,* li fil-fehma tiegħu s-soċjetà attriċi "*dan qisu m'għamel xejn*" (fol. 51). Huwa qal li l-magna li ntużat mis-soċjetà attriċi ma kinitx addattata għal dak li riedet is-soċjetà konvenuta *siccome* din riedet li t-trakka titnaddaf mhux merament tinkines. Huma aċċettaw l-istima bil-premessa li jsir ħasil u tindif. Huwa qal li

s-soċjetà attriċi naddfet superfiċjalment, kif setgħet, iżda l-magna ma kinitx addattata. Qal li s-soċjetà attriċi messha qaltlu *a priori* li ma kellux tagħmir sabiex jaħsilha u l-kwistjoni kienet tintemm hemm. Żied jgħid li fil-passat, huwa kien kellem kuntratturi oħrajn sabiex inaddfuha, liema kuntratturi qalulu minnufih li ma kellhomx tagħmir biex jaħsluha u m'aċċettawx l-inkarigu. Huwa qal li meta dar it-trakka (waħdu, skont hu), "*għidt dan qisu m'għamel xejn, qisu għadu hemm il-ħmieġ, it-trab baqa' ġo fiha, allura mort u għamiltlu stop payment taċ-cheque…*"

Borg qal li wara, tqabbdet kumpanija oħra, li nzertat kumpanija tal-Gvern, li setgħet taħsel bl-ilma u l-*vacuum* u bil-*brush*. Sar ukoll il-kontro-eżami ta' Etienne Borg.

Xehed ukoll Mario Borg, li qal li wara t-tindif tas-soċjetà attriċi, jiġifieri wara madwar sagħtejn xogħol, it-trab kollu kien baqa' hemm. Dan ix-xhud ukoll ġie kontro-eżaminat.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ser jibda billi jindirizza d-dokumenti AV1, AV2, u AV3 ppreżentati mix-xhud Alan Vella. Huwa notevoli li dawn id-dokumenti ma ġewx attakkati mis-soċjetà konvenuta.

Fol. 37 Andy Grech, president tal-*Malta Amateur Athletic Association*, kiteb lil Kurt Vella sabiex jgħidlu li t-trakka tal-ġiri tal-Marsa kellha bżonn "*deep clean up*" u għalhekk kien hemm bżonn "*ride-on outdoor (CITY-MASTER) combo of scrubber and sweeper to make sure our rubber track is free of damaging debis and sand.*"

Fol. 36 Alan Vella, direttur tas-soċjetà attriċi, kiteb lil Andy Grech u qallu li kien hemm bżonn li tintuża *Hako Sweepmaster 1200* li kellha *soft brushes* sabiex ma ssirx ħsara lit-trakka.

It-Tribunal hawn josserva li l-*e-mails* a fol. 36 u 37 huma datati **Lulju 2020** filwaqt li l-bqija tal-*e-mails* huma datati **April 2021**.

Fol. 35 u 36 Alan Vella informa lil Etienne Borg li "*Our service was possible only to sweep the floor as the machines are not able to scrub the rubber fooring.*"

Fol. 35 Etienne Borg irringrazzja lil Alan Vella tal-informazzjoni u qallu "*Further to telecom with my brother Mario this morning, we would like to confirm the rental of the Hako Sweepmaster 1200.*"

Fol. 35 Alan Vella nforma lill-kollega tiegħu Kurt Vella (fi ħdan l-istess soċjetà attriċi) li l-prezz kellu jkun €675 (*rental of machine*) b'żieda ta' €150 (*operators*) u mbagħad jiżdied il-*VAT*.

Fol. 33 Etienne Borg informa lil Alan Vella u lil Kurt Vella li ma kienx sodisfatt bit-tindif. Huwa qallu li filwaqt li diffiċli titnaddaf it-trakka mingħajr ilma, huma

kienu baqgħu fuq il-kelma tas-soċjetà attriċi meta din qalet li kien ser jirnexxielhom inaddfuha. Huwa qal li meta s-soċjetà attriċi ltaqgħet ma' xi persuni oħrajn, dawn lanqas biss setgħu jinnutaw li t-trakka tnaddfet. Qal ukoll li kien ħaseb li s-soċjetà attriċi kienet ser tagħmel almenu ġurnata tipprova tnaddafha, mhux sagħtejn biss. Huwa qal li s-soċjetà attriċi kienet qed tikkonsidra tixtri *power washer* kbira li tuża misħun bis-sapun.

Fol. 33 Alan Vella wieġeb u qal, *inter alia*, li huwa kellem lil Andy Grech (president tal-*Malta Amateur Athletics Association*) u dan tal-aħħar fehem li tenut kont tat-tbajja', anki kienu ntużat *scrubber*, ir-riżultati ma kinux ikunu idonei.

Jirriżulta ċar mill-iskambju tal-*e-mails* li Alan Vella qal ċar lil Etienne Borg li huma setgħu biss jikinsu t-trakka u li l-magni tas-soċjetà attriċi ma setgħux jagħmlu *scrubbing* fuq trakka tal-gomma. Għalhekk, Etienne Borg ma kellux raġun jgħid li s-soċjetà attriċi messha qaltlu dan *a priori* u b'hekk ma kienx jagħti l-inkarigu. Jirriżulta mill-*e-mails* li Alan Vella kien ċar dwar il-kapaċitajiet tal-magni tiegħu u li minkejja kollox, fl-*e-mail* datat 7 ta' April 2021, Etienne Borg ikkonferma li ried li tintuża l-magna *Hako Sweepmaster 1200*.

It-Tribunal josserva li sfortunatament, mir-ritratti mhuwiex wisq ċar jekk it-trakka tnaddfitx sewwa jew le, M'hemmx ritratti li minnhom jista' jsir paragun bejn kif kienet qabel it-tindif u kif kienet wara t-tindif.

Jidher ukoll li Etienne Borg wasal għall-konklużjonijiet tiegħu sempliċiment abbażi ta' dak li deher lilu. Fil-fatt, a fol. 51, Borg qal li s-soċjetà attriċi **dehret** li m'għamlet xejn u li l-ħmieġ **qisu** kien għadu hemm (enfasi tat-Tribunal). M'hemmx indikazzjoni, pereżempju, li ġew imsejħin fuq il-post xi persuni tekniċi tal-*Malta Amateur Athletics Association* (li attwalment jużaw it-trakka) sabiex jikkonfermaw jekk kinitx tnaddfet kif suppost.

Jirriżulta ulterjorment li s-soċjetà konvenuta għaddiet iċ-ċekk (li wara sar fuqu *stop payment*) lis-soċjetà attriċi mingħajr ma qabel kienet konvinta u ċerta li t-trakka kienet tnaddfet kif suppost. Fil-fehma tat-Tribunal, l-ewwel messha saret spezzjoni mill-partijiet kollha kkonċernati (jiġifieri rappreżentanti tas-soċjetà attriċi, tas-soċjetà konvenuta, u tal-assoċjazzjoni tal-atletika) sabiex ikun aċċertat li t-tindif sar sewwa. Il-fatt li ġie mgħoddi ċ-ċekk juri li almenu fuq bażi *prima facie*, is-soċjetà konvenuta kienet sodisfatta li t-tindif kien sar.

L-avukat patroċinanti s-soċjetà attriċi kellu raġun jgħid, fit-trattazzjoni tiegħu, li s-servizz li ġie offrut u dak li ġie aċċettat kien servizz ta' knis u mhux servizz ta' ħasil. Barra minn dan, Alan Vella kien ċar mas-soċjetà konvenuta li ma setax isir *scrubbing* iżda seta jsir knis b'magna li kellha *soft brush* sabiex ma ssirx ħsara lit-trakka.

Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;

ii. Jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u jiddikjara lis-soċjetà konvenuta debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' disa' mija u tlieta u sebgħin Ewro (€973), bl-imgħax kif mitlub (liema mgħax għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi, dekorribbli mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża, sad-data tal-pagament effettiv); u

iii. Jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammonti hawn fuq indikati lis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**